# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 28 ta' Frar 2018

**Kawża Nru: 9**

**Rikors ta' Revoka Nru: 684 / 17 JA**

**Louis Bonnici**

**-vs-**

**Maria Magdala Sultana**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat mill-attur fit-28 ta' Lulju 2017 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi permezz tal-ittra uffiċjali numru 46/2017 fuq imsemmija (Dok. "A") il-precitiat Louis Bonnici kien talab għall-hlas tas-somma ta' dsatax-il elf euro (€19,000) li skond hu kien ċert likwidu u dovut u li tirrappreżenta flus mogħti lill-esponenti minnu f'dawn l-aħħar xhur;

Illi fil-5 ta' Lulju 2017, l-istess ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva, u dan ad insaputa tal-esponenti, u dan wara li, in vista tal-kundizzjoni medika li għandha u li tirriżulta mill-anness ċertifikat li qed jiġi mmarkat bħala Dok. "D", l-esponenti la kienet konxja li kienet irċeviet l-istess ittra uffiċjali u lanqas ma kienet konxja tal-fatt li hi trid twieġeb għaliha fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti, u għalhekk hi baqgħet ma weġbitx għall-istess ittra uffiċjali (Dok. "A") *entro* t-terminu mogħti mill-liġi;

Illi permezz tal-mandat ta' sekwestru numru 1021/2017 (Dok. "B") u l-mandat ta' qbid bin-numru 1023/2017 (Dok. "C"), it-tnejn preżentati fl-ismijiet premessi fit-12 ta' Lulju 2017, l-imsemmi Louis Bonnici għadu kemm eżegwixxa l-preċitata ittra uffiċjali kontra s-soċjeta' esponenti, u kien biss konsegwenza tal-eżekuzzjoni ta' dawn il-mandati li l-esponent għadha kemm saret taf b'dan kollu;

Illi l-esponenti toġġezzjona bil-qawwa kollha għal dawn il-preċitati proċeduri, atti gudizzjarji u anke għal-titolu eżekuttiv li r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Civili kostitwixxa fir-rigward ta' dik l-ittra uffiċjali, u dan għas-segwenti raġunijiet, ċjoe':

i. Illi l-ittra uffiċjali fuq imsemmija (Dok. "A") numru 46/2017 hija nulla u mingħajr ebda effett fil-liġi *stante* li, hekk kif jirriżulta mill-istess ittra, dik-l-ittra uffiċjali (Dok "A") ma fihiex ir-raġunijiet fuqha ġiet imsejsa t-talba, lanqas fiha r-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa' u lanqas ma fiha dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba;

ii. Illi ma huwiex minnu li l-allegat kreditu ta' Louis Bonnici huwa ċert, likwidu u dovut *stante* illi f'tali ittra uffiċjali ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti mposti mill-artikolu 1664 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Illi inoltre l-esponenti ma kinitx taf bil-preċitata ittra uffiċjali għaliex, kif ser jiġi ppruvat ulterjorment, l-esponenti ma kinitx notifikata bl-istess ittra kif imiss;

Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi, il-preċitata ittra uffiċjali numru 46/2017 fl-ismijiet premessi hija nulla u mingħajr effett daqstant ieħor huwa null u mingħajr effett il-preċitati mandat ta' sekwestru numru 1021/2017 (Dok "B") u l-preċitat mandat ta' qbid bin-numru 1023/2017 Dok "C"), it-tnejn preżentati fl-ismijiet premessi fit-12 ta' Lulju 2017;

Illi għalhekk huwa l-każ li s-soċjeta' esponenti tadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti bil-għan illi dina l-istess Qorti tordna li, a tenur tal-artikoli relevanti tal-liġi, fosthom dawk tal-Artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-titolu eżekuttiv li nkiseb skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-ittra uffiċjali preċitata bin-numru 46/2017 fl-ismijiet fuq premessi għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda reffett peress illi, skond kif ser jiġi pruvat fil-proċeduri odjerni, l-ittra uffiċjali preċitata ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-sub-artikoli (1), (2) jew (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Qorti jogħġobha, prevja li tisma' lill-esponenti kif trid il-liġi, twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-preċitata ittra uffiċjali numru 46/2017 fl-ismijiet premessi (Dok "A") u anke tal-preċitati mandat ta' sekwestru numru 1021/2017 (Dok "B") u l-preċitat mandat ta' qbid bin-numru 1023/2017 (Dok "C"), it-tnejn preżentati fl-ismijiet premessi fil-12ta' Lulju 2017, twaqqaf il-ħruġ ta' atti eżekuttivi oħra jkunu bażati fuq il-preċitata ittra uffiċjali bin-numru 46/2017 fl-ismijiet premessi (Dok "A") u tiddikjara bħala null u mingħajr effett l-istess preċitata ittra uffiċjali hekk kif reża eżegwibbli u tirrexindi t-titolu eżekuttiv ottjenut permezz tal-istess preċitata ittra uffiċjali (Dok "A") u daqstant ieħor tiddikjara bħala null u mingħajr

effett l-istess preċitati mandat ta' sekwestru numru 1021/2017 (Dok "B") u l-preċitat mandat ta' qbid bin-numru 1023/2017 (Dok "C").

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ppreżentata fl-14 ta' Novembru 2017 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament irid jiġi deciz jekk effetivament ir-rikorrenti għandhiex il-fakulta' li tmexxi din l-azzjoni u dan għaliex ma jistax jingħad ir-rikorrenti m'għandhiex il-kundizzjoni medika sabiex tirċievi atti iżda għandha l-kundizzjoni tħejji atti ġudizzjarji.

2. Preliminarjament l-irritwalita' tat-talbiet hekk kif dedotti *stante* li r-rikorrenti donna qiegħda tittanta ġudizzju taħt l-artikolu 1664(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-istess ħin qiegħda titlob is-sospensjoni tal-mandati relattivi.

3. Illi preliminarjament ukoll donnu r-rikorrenti qiegħda tikkumula żewġ azzjonijiet distinti kemm taħt l-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 281 tal-istess Kapitolu.

4. Illi preliminarjmanet ukoll sa fejn it-talbiet huma mibnija fuq l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad li ma jeżistux l-elementi neċessarji taħt dak l-artikolu.

5. Illi preliminarjament ukoll t-talba *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija intempestiva għaliex il-proċedura tista' tiġi utilizzata biss wara li l-istess mandati jiġu eżegwiti.

6. Illi preliminarjament ukoll ma teżisti l-ebda proċedura kif mitluba sabiex mandati jiġu sospiżi.

7. Illi fil-mertu ma hemm xejn ħażin bil-mod kif ġiet notifikata r-rikorrenti.

8. Illi fil-mertu wkoll l-elementi tal-ittra uffiċjali huma kollha sodisfatti.

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Illi l-Qorti semgħet il-partijiet fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018 u ħalliet il-kawża għas-sentenza. Din hija azzjoni bbażata fuq l-artikolu 281 tal-Kap. 12.

Illi dan l-imsemmi Artikolu tal-Liġi kif ġja' ssemma jipprovdi testwalment illi:

*"(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-Qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*

Illi l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward issa hija ċara u kostanti. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2005 fil-kawza **"Pace vs Sultana"** intqal li:

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew*

*nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas sub-artikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra*;

*Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn <u>Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma</u>. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ tal-Kontro-Mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju*;*"* I

Illi għandu jiġi enfasizzat għalhekk, illi fi proċeduri bħal dawk odjerni, il-Qorti hija prekluża milli tqis il-mertu tal-kreditu eżistenti bejn il-partijiet (ara s-sentenzi miġbura fis-sentenza **"Zammit noe vs Ellis noe"** tal-15 ta' Diċembru 2015). Kif elaborat il-Qorti fil-fuq ċitata sentenza **"Pace vs Sultana"**: *"ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ."* Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat *de quo* b'dana illi l-istess Qorti hija prekluża milli tmur *oltre* mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Art 274 tal-Kap. 12.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"HSBC Bank Malta p.l.c. (C- 3177) vs Doris Conchin"** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Lulju 2011 u kkonfermata fl-appell intqal hekk: *"l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiehu, il-parti eżekutata tbagħti preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ."*

Illi meta xehdet ir-rikorrenti qalet li hija ma rrispondietx għall-ittra uffiċjali għaliex kienet marida u qalet li ssofri minn ċertu mard li l-Qorti mhux se ssemmi fis-sentenza biex tipproteġi l-privatezza tar-rikorrenti. Madankollu indubbjament ma ppruvatx la li kien hemm xi difett fil-forma tal-mandat u lanqas li kien hemm xi żball li ppreġudikaha. Għalhekk it-talba tagħha ma tistax tintlaqa'.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors billi tiċħdu bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Sultana.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |